32005R0601

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 601/2005

tat-18 ta' April 2005

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar reġim li jaqa' taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll 10 dwar Ċipru għall-Att rigward il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim li jaqa' taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 għall-Att ta' Adeżjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 jistipula lista ta' postijiet li minnhom jaqsmu persuni u prodotti jistgħu jaqsmu l-fruntiera bejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jerċitax kontroll effettiv.

(2) Wara ftehim dwar il-ftugħ ta' postijiet ġodda li minnhom taqsam il-fruntiera f'Zodia u f'Ledra Street jinħtieġ li jiġi adottat l-Anness I.

(3) Il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru aċċetta dan l-adattament.

(4) Il-Kamra tal-Kummerċ Turko-Ċiprijotta ġiet ikkonsultata dwar dan is-suġġett,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 866/2004 jinbidel b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

Lista ta' postijiet li minnhom taqsam il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(4)

— Agios Dhometios

— Ledra Palace

— Ledra Street

— Zodia"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-jum l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Olli REHN
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955.
[2] ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128.